tas-saqajn u l-gerżuma u għamlulha tliet punti f'geddumha. It-tabib qalilha: "Irringrazzja 'l Alla li m'għandek xejn miksur u li ma qsamtx il-gerżuma, għax kont tibqa' mejta!"

**L-Editur**

## L-ASSEMBLEA ĠENERALI

Din il-laqgħa li matulha issir l-elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid se ssir fit-18 ta' Lulju.

Dawk li beħsiebhom joħorġu bħala kandidati għall-kumitat għandhom jirritornaw il-formoli ta' l-applikazzjoni mhux aktar tard mis-7 ta' Lulju 1993. Dawn il-formoli għandhom jintbagħtu bil-posta jew lis-Segretarja

*Dr. S. Spiteri, LL.D.*
*6/A2 Main Street*
*Siġġiewi.*

jew lil

*Ġuża Mifsud*
*16, St. James Street*
*Siġġiewi.*

jew lill-Editur

*Bro. Victor Privitera FSC, B.A.*
*Stella Maris College*
*Gżira GZR 04*

jew jingħataw lil xi membru tal-Kumitat.

Infakkru hawnhekk, li l-membri tal-Kumitat iridu jkunu mhux biss ħabrieka imma wkoll kapaċi jerfgħu biċċa mir-responsabbiltà tal-amministrazzjoni tal-Moviment tagħna u l-organizzazzjoni tal-laqgħat. Min jidħol fil-Kumitat ikun dieħel għax-xogħol!

**Il-Madonna għandha bżonna!**

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 15 LULJU 1993 JITQASSAM BLA ĦLAS

# IT-TEŻOR TAL-MOVIMENT TAGĦNA

Naħseb li ma' l-ewwel ħarsa lejn it-titlu ta' dan l-artiklu, wieħed jaħseb li se nitkellem fuq xi eluf ta' liri li nġabru bħala donazzjonijiet lill-Madonna tal-Girgenti, għall-bini ta' Kappella kif tixtieq Hi, u għal spejjeż oħra biex jitranġa l-post tal-laqgħat.

Għalkemm dan hu kapital importanti li s'issa sewa ħafna biex jitranġa l-post għall-kumditá tan-nies li jiġu għal-laqgħat, jien se nitkellem fuq 'teżor' ieħor aktar importanti u li għalih nikkontribwixxu aħna lkoll u li nħallu f'idejn il-Madonna u mhux f'xi Bank Kummerċjali kif sew għamel il-Kumitat bil-flus u valuri oħra tal-Moviment.

**It-Teżor spiritwali**

Fl-aħħar fuljetti li ġew pubblikati, jiena spjegajt kif aħna, it-Tesserati, għandna ngħaqqdu t-talb tagħna ma' dak ta' Ġuża u ta' sħabna l-oħra, tkun xi tkun il-forma tiegħu: smigħ tal-quddies, rużarju, talb mill-qalb waqt ix-xogħol tal-ġurnata, viżti lil Ġesù Sagramentat eċċ...

Ma' dan it-talb nistgħu nżidu t-tbatijiet li jkollna, l-inkonvenjenzi u d-dwejjaq tal-mard u tal-problemi li jinqalgħu f'kull familja, u noffru

kollox lil Ġesù biex jiddisponi minn dan il-mertu kif jogħġob lill-Qalb tiegħu u tal-Madonna.

**Għad ma fehmux**

Minn xi telefonati li għamluli, xi devoti tal-Madonna għadhom ma fehmux kemm hu faċli li joffru l-mertu tagħhom għal biex il-Madonna tkun tista' tapplikah biex taqlagħlna grazzji kemm ta' fejqan u kemm ta' konverżjonijiet, skond il-pjan tagħHa. Inħallu kollox f'idejn il-Madonna. Min jaf kemm hemm erwieħ li kkonvertew, jew nies li fiequ minn mard, bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni għalkemm lanqas ma kienu jafu bil-Ġrajjiet tal-Girgenti u forsi jinsabu ħafna 'l bogħod minn pajjiżna. Aħna nitolbu għal kulħadd!

**Kif tagħmel l-offerta tiegħek**

Kull ma għandek tagħmel hu li tgħid talba qasira fejn toffri l-mertu tiegħek ta' kuljum lil Ġesù minn idejn il-Madonna; jiġifieri tagħmel l-intenzjoni, darba għal dejjem, li l-Madonna tkun tista' tuża l-mertu tat-talb u penitenza tiegħek skond il-pjan tagħHa u ta' Ġesù, għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Din l-intenzjoni tibqa' sseħħ tul ħajtek kollha, diment li int ma tirtirahiex.

Mhemmx bżonn li tagħmel din l-offerta kuljum; imma tajjeb li ġġedded l-intenzjoni tiegħek kultant, per eżempju, meta tmur tisma' l-quddies jew wara li tkun qerrejt... Mhemmx bżonn talb twil; tista' kultant, anke waqt ix-xogħol tiegħek, tgħid invokazzjonijiet bħal: "Ġesù, kollox għalik..." jew "Madonna, għin lil min għandu bżonnok!" Hekk, int, tħeġġeġ ruħek fl-imħabba t'Alla u tal-Madonna u tkabbar it-Teżor Spiritwali tal-Knisja kollha.

**Talba universali**

Hemm talba sabiħa li tingħad fid-dinja kollha u li ħafna minna ngħiduha kuljum, bħala 'Talba ta' Filgħodu'. Din hi t-Talba tal-Appostolat tat-Talb. Jekk ma tgħidhiex kuljum biddel il-kliem "... kull ma ngarrab dan il-jum" u għid "... kull ma ngarrab tul ħajti kollha".



# IL-PELLEGRINAĠĠ TA



**Il-Pellegrinaġġ kien suċċess kbir, kemm għa devozzjoni li ntweriet tul il-mixja minn ħde nagħmlu l-laqgħat. Intqal ir-rużarju u sar kant wara l-inkwadru tal-Madonna, pittura ġdida Għawdex. Jiddispjaċina li l-benefattur ta' din din tlestiet. *Ir-ritratt juri l-inkwadru f'ras il-p***

**It-Talba:**

"O Qalb ħanina ta' Ġesù, kull ma nitlob, kull ma nagħmel u kull ma ngarrab f'dan il-jum (jew: "... tul ħajti kollha"), jgħaddi għalik mill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija għat-tpattija ta' dnubietna, l-aktar tad-dagħa li bih hu mżeblaħ l-Isem Imqaddes tiegħek; u għall-fehmiet kollha li Int għandek f'kull quddiesa li titqaddes. Noffrihomlok fuq kollox għall-fehmiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna..."

# L-5 TA' MEJJU 1993



**-numru tan-nies li kkonkorrew u kemm għad- n it-Troll (il-Girgenti) sal-post-santwarju fejn ill-Madonna. Is-serbut ta' mijiet ta' nies mexa maghmula mill-pittur Camilleri Cauchi ta' il-pittura John Scicluna laħaq miet qabel ma *ellegrinaġġ u l-folla li mxiet warajh.***

– Ma din it-talba tista' żżid intenzjonijiet partikulari bħal: "Noffrihomlok għal dawk kollha li jeħtieġu għajnuna speċjali mill-Madonna" jew issemmi persuni li tixtieq titlob għalihom, jew forsi, issemmi xi grazzji li tixtieq taqla' inti stess.

**Niftakru**

Inkunu sempliċi fir-rapporti tagħna ma' Ġesù u Marija. Ma nqisuhomx bħala barranin 'il bogħod minna. Ma hawn ħadd li jħobbna daqshom; Huma dejjem magħna, lesti li jgħinuna anke meta, sfortunatament, nitbiegħdu minnhom.

Nippruvaw, fit-talb tagħna, niltaqgħu, fl-ispirtu tagħna, wiċċ imb'wiċċ ma' Ġesù u Marija, u nduqu l-ferħ tal-intimità magħhom u ta' talb ħiereġ mill-qalb kollu mħabba għalihom.



# GRAZZJI MAQLUGħA

**1. Konverżjonijiet**

S'issa qatt ma nkiteb rapport f'Leħen il-Girgenti, dwar konverżjonijiet li saru wara ħafna talb lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni jew tal-Girgenti. Għall-fejqan minn mard fiżiku jista' jkollna ċertifikati tat-tobba imma għall-konverżjonijiet mhemmx ċertifikati ħlief ix-xiehda tal-imġiba personali tal-konvertit. Minbarra dan, bniedem li jkun bidel ħajtu mingħajr prattika ta' reliġjon u, forsi wkoll, ta' ċaħda t'Alla, ta' dagħa u dnubiet oħra, ma tantx ikun irid ixandar ismu. Imma hemm każijiet fejn midneb li jkun ikkonverta jagħżel li jpatti għall-imgħoddi billi jiżżi ħajr 'l Alla u lill-Madonna pubblikament għall-grazzja kbira li jkun qala'.

L-akbar xhud ta' konverżjonijiet hi Ġuża Mifsud stess għax għandha jmorru ħafna nies li jkunu kkonvertew. Għalkemm dawn in-nies jibqgħu mhux magħrufin, nistgħu nagħtu xi eżempju:

**Ilsien il-qanpiena**

Raġel li kien jidgħi u kkonverta, ħaseb li jpatti għad-dagħa li kien jagħmel, b'mod mhux tas-soltu. Mar għand Ġuża Mifsud u ta l-flus biex tagħmel qanpiena biex tindaqq il-Girgenti u l-ilsien tal-qanpiena li jfaħħar 'l Alla bid-daqq ħelu tagħha, ipatti għad-dagħa li lsienu kien jagħmel.

Din il-qanpiena qed issir, imma ma nafux meta se tkun lesta.

**Wara erbgħin sena!**

Waqt laqgħa ta' talb il-Girgenti, ġiet mara fuqi u rrakkuntatli kif ir-raġel tagħha kkonverta wara ħajja ta' erbgħin sena mingħajr prattika ta' reliġjon. Ma nistax nagħti l-isem u l-lokal ta' dan ir-raġel.

Din il-mara qaltli li r-raġel tagħha kien marad. Hi kienet ilha ħafna titlob għalih. Meta waslet il-laqgħa tal-Girgenti, hi qalet lir-raġel tagħha li kienet sejra għal-laqgħa; għalkemm kien ma jiflaħx u kien se jibqa' waħdu, ħalla lill-mara tmur għal-laqgħa. Tlett ijiem wara kien fieq biżżejjed biex joħroġ mid-dar. Meta ġie lura qal lill-mara tiegħu: "Taf fejn mort?... Mort inqerr!" Qalilha fejn mar iqerr u li l-konfessur kien Mons. Buontempo!

Minn dakinhar, dan ir-raġel baqa' jmur jisma' l-quddies kuljum u jipprattika r-reliġjon daqs l-aqwa bniedem devot. Naf bi tliet każijiet oħra ta' konverżjoni wara aktar minn tletin sena bla Alla!

**Tfajla ta' sbatax-il sena!**

Ftit ġimgħat ilu, jien għamilt intervista twila lil waħda xebba li kkonvertiet wara ħames snin ta' ħajja mogħtija għal kull xorta ta' dnub bl-iskop li ssib il-ferħ, ħasbet hi, f'ħajja ħielsa minn kull irbit. Kienet waslet biex tiċħad lil Alla u saħanistra titħabbeb ma' xi nies 'tas-Setta'.

Sar ħafna talb għaliha minn ħbieb li kienu jafuha. Għalkemm din ix-xebba qatt ma kellha x'taqsam mal-Girgenti, missierha mhux biss jaf bil-Madonna imma wkoll iqassam il-fuljett *Leħen il-Girgenti*. Jiena ċert li t-talb ta' Ġuża Mifsud għen lil din ix-xebba terġa' tikseb il-ferħ spiritwali u l-imħabba t'Alla li kienet tilfet. Illum hi ma tibżax tieħu parti attiva f'attivitajiet tal-Kariżmatiċi biex tpatti għall-iskandli li kienet tat.

Jalla xebbiet oħra żvijati jagħmlu bħal din it-tfajla u jikkonvertu. Noffru t-talb u s-sagrifiċċji tagħna għal dan l-iskop. Imma għandna niftakru



li, aktarx, qatt ma se nkunu nafu b'dawn il-konverżjonijiet. Inħallu f'idejn il-Madonna.

**2. Grazzji ta' għajnuna f'waqtha**

– Ġuża Mifsud kemm-il darba kellha għajnuna diretta mill-Madonna f'każijiet diffiċli. Se nsemmi fatt li ġara m'ilux wisq. Ġuża telgħet fuq, fil-kamra tagħha, biex tistrieħ u kif se toqgħod bilqiegħda, il-pultruna ma ssibiex taħtha u taqa' għal darha ħdejn is-sodda. Faċli nifhmu kif din il-mara, xiħa u marida, ma kellhiex is-saħħa li terġa' tqum. Waqt li f'qalbha talbet lill-Madonna tgħinha, semgħet bħal leħen jgħidilha, b'daħka ironika, "Issa tiġi terfgħek!..." Imma l-Madonna hemm kienet! Dlonk, Ġuża ħasset min jgħinha tqum u hi reġgħet sabet ruħha bilwieqfa.

– Każ bħal dan ġara lil Yvonne Cristiano li taħdem bħala Matron fi Stella Maris College. F'intervista li għamiltilha, hi tatni dawn id-dettalji.

Kien f'Jannar 1990. Fuq sellum għoli sular, Yvonne kienet ilha xi siegħa tnaddaf il-ħajt. F'daqqa waħda is-sellum għeleb biha u hi waqgħet kobba fl-art wara li fil-waqgħa ħabtet geddumha u l-gerżuma ma' xifer il-mejda. Ħasset id-demm ħiereġ minn geddumha u uġigħ fil-gerżuma b'mod li lanqas ma setgħet titkellem. Kif kienet kobba fl-art, ħasbet li kienet kisret saqajha u ma setgħetx tiċċaqlaq. B'xokk kbir fuqha talbet lill-Madonna tgħinha tqum! Minnufih tħoss min jaqbadha minn taħt dirgħajha u jqajjimha. Yvonne ħarset madwarha biex tara min kien għenha, għax id-dar ma kien hemm ħadd... u hi ma rat lil ħadd. Dak il-ħin stess ċempel it-telefon; kien id-Direttur tal-Kulleġġ li ried xi informazzjoni. Peress li Yvonne ma setgħetx titkellem, id-Direttur ħaseb li kien ħa *wrong number*. Sadattant Yvonne talbet lill-Madonna biex tkun tista' tgħid ftit kliem. It-telefon reġa' ċempel; minnufih Yvonne għamlet sforz u qalet: "Jien Yvonne; korrejt!" Id-Direttur fehem x'kien ġara u mar jagħti l-għajnuna meħtieġa. Ftit wara daħlet it-tifla ta' Yvonne u ħadet lil ommha l-isptar. Sar eżami bir-reqqa